MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 629/2012

**Jean Pierre FARRUGIA**

**Vs**

**Patrick CACHIA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-10 ta’ Settembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta’ elf mija u ghoxrin euro [€1,120] u dan wara li ppremetta hekk:

“Peress illi fit-18 ta’ Marzu 2012 ir-rikorrent xtara minghand l-intimat, li hu *book maker*, biljett ossia *betting ticket* illi wassal ghal rebh favur ir-rikorrent fis-somma ta’ elf mija u ghoxrin Euro (€1,120), kopja tal-biljett qed tiġi annessa u markata bhala Dokument A.

U peress illi l-intimat qieghed inġustament u abusivament jirrifjuta li jhallas dan ir-rebh lir-rikorrent.

Illi l-intimat gie nterpellat biex ihallas iżda baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m’ghandux:

1) Jikkundannah ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ elf mija u ghoxrin Euro (€1,120) rappreżentanti r-rebh dovut lir-rikorrent dwar il-biljett ossia *betting ticket* emess mill-intimat fit-18 ta’ Marzu, 2012 (Dokument A).

Bl-imghaxijiet dekorribbli mis-17 ta’ April 2012 u bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ April 2012 li ġiet intavolata mir-rikorrent skont il-provvedimenti tal-artikolu 166A tal-Kap 12, hawn annessa u markata bhala Dokument B, li ghaliha l-intimat ippreżenta nota ta’ kontestazzjoni, kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-1 ta’ Ottubru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“1. Illi fl-ewwel lok, l-infondatezza tat-talbiet attriċi u dana stante illi l-biljett de quo huwa wiehed kjarament ivvizzjat minn żball evidenti u dana stante illi l-odds relattivi ghaz-ziemel Nuage De Bougogne kienu ta’ 0.70 u mhux ta’ 7.00;

2. Illi fit-tieni lok, ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-esponenti inkwantu il-biljett ma kienx mixtri mill-attur iżda minn ċertu Gino Attard. Malli hareg il-biljett bl-izball, Gino Attard induna u kien hu stess li ġibed l-attenzjoni tal-esponenti. Il-ftehim kien illi l-biljett jiġi rimpjazzat però sakemm seta jiġi rimpjazzat dan il-biljett, dana Attard telaq bil-biljett l-izbaljat, u dana kif ser jiġi ampjament iddimostrat;

3. Illi l-esponenti offra kemm-il darba lill-attur sabiex ihallsu s-somma realment dovuta u senjatament dak ta' mitejn u tmienja u tletin Euro (€238) iżda dan baqa jirrifjuta u ghalhekk l-esponenti m'ghandu jsofri l-ebda spejjez u interessi lanqas fir-rigward ta' din is-somma;

4. Salv eċċezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez".

Ra l-kontro-talba mressqa mill-intimat u li permezz taghha huwa ppremetta hekk:

"Illi l-esponenti jixtieq jiprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jressaq il-prezenti kontro-talba;

Illi l-esponenti jibda billi jippremetti illi l-biljett li fuqu qed jibbaża t-talba tieghu l-attur huwa kjarament ivvizjat minn żball evidenti;

Illi l-odds relattivi ghaz-ziemel Nuage De Bougogne kienu ta' 0.70 u mhux ta' 7.00 kif erronjament indikat fuq l-istess biljett;

Illi difatti fuq in-noticeboard l-odds ta' dan iz-ziemel (kemm mal-esponenti u kif ukoll mal-bookmakers l-ohrajn) kienu ta' ½ li jissarfu ghal 0.5, però l-arrangament ghal dak in-nhar mal-gukaturi kollha kien illi jinghata odds ahjar u cioe ta' 0.7;

Illi dan jista jiġi kkonfermat mill-kopji tal-biljetti l-ohra kollha li hareg l-esponenti relattivament ghal dak iz-ziemel dakinhar (kopja taghhom qed tiġi annessa u mmarkata kollettivament Dok A);

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil dana t-Tribunal joghgbu jiddikjara illi l-biljett de quo huwa wiehed ivvizjat minn żball u li l-ammont dovut fuqu huwa ta' €238, ossia l-ammont li gie ripetutament offrut mill-esponenti lill-attur rikonvenzjonat, minflok €1120.

Bl-ispejjez".

Ra r-risposta tar-rikorrenti ghall-kontro-talba ta' l-intimat minnu mressqa fl-4 ta' Ottubru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk:

"Risposta ta' Jean Pierre Farrugia ghall-kontro-talba ta' Patrick Cachia.

Jesponi bir-rispett:

1. Preliminarjament, il-konvenut rikonvenjent ma jidhirx illi hallas id-dritt dovut lir-Registru tal-Qorti sabiex jintavola talba rikonvenzjonali. Jekk dan hu l-kaz, allura t-talba rikonvenzjonali hi nulla.

2. Illi qed tiġi eccepita wkoll l-inkompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal milli jiehu konjizzjoni tat-talba rikonvenzjonali, liema talba f'kull kaz ma setghetx tiġi dedotta b'talba rikonvenzjonali.

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju ghall-premess, it-talba rikonvenzjonali hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez, kif ser jirrizulta abbundantement waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eċċezzjonijiet ohra u bl-ispejjez".

Ra l-verbal tad-9 ta' Jannar, 2013 fejn id-difensur tar-rikorrenti rtira l-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimat.

Ra l-verbali datati 18 ta' April, 2013 u 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li r-rikorrenti kien xtara biljett minghand l-intimat, li huwa *book maker*, ġewwa l-Marsa ghar-rigward ta' tiġrija taz-zwiemel u li fiha kien qieghed jiehu sehem iz-ziemel maghruf bl-isem ta' Nuage De Bougogne. Fil-fatt dan iz-ziemel rebah dik it-tigrija u r-rikorrenti mar ghand l-intimat sabiex jiġbor dak l-ammont li kien hemm indikat fuq il-biljett, liema biljett gie esebit a fol. 2 bhala dok. A. L-ammont li qieghed jitlob ir-rikorrenti, liema ammont huwa indikat fuq dan il-biljett huwa ta' €1,120. L-intimat da parti tieghu jghid li l-*odds* fuq il-biljett kienu hargu bi żball u minflok 7.00 is to 1.00, kellhu jkun 0.70 is to 1.00 u ghalhekk huwa kellu jhallsu s-somma ta' €238. Jigifieri, skond l-*odds* li hemm miktuba fuq il-biljett esebit, ghall kull euro (€1.00) li jintlaghbu tirbah seba' euro (€7.00)[1], mentri skond l-*odds* li jghid l-intimat li kellhom ikunu kieku ma kienx hemm dan l-izball, ghall kull euro (€1.00) li jintlaghbu tirbah sebghin ċenteżmu ta' euro (€0.70c)[2].

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2012 **xehed ir-rikorrenti Jean Pierre Farrugia**, minn jeddu. Huwa beda biex qal li fl-10 ta' Marzu, 2012 huwa kien laghab €140 mal-intimat fuq iz-ziemel Nuage De Bougogne. Ir-rikorrenti jkompli jghid li l-intimat ikun qieghed il-Marsa u n-nies jilghabu ghandu. Dakinhar tal-10 ta' Marzu, 2012 iz-ziemel Nuage De Bougogne rebah u ghalhekk, ighid ir-rikorrenti "*suppost illi kelli nigbor elf mija u ghoxrin ewro (€1120) minghand l-intimat izda meta mort ghand l-intimat biex inkun nista nircievi dawn elf mija u ghoxrin ewro (€1120) qalli illi mhux elf mija u ghoxrin ewro (€1120) kellu jaghtini izda mitejn u ghaxra (€210)*" (fol. 21). Il-biljett li ghalih qieghed jaghmel referenza r-rikorrenti huwa dak li hemm esebit a fol 2 tal-process.

Fuq dak id-dokument, ighid ir-rikorrenti, hemm ukoll iċ-ċifra ta' €210, liema ċifra, dejjem skond ir-rikorrenti, nkitbet wara li huwa mar biex isarraf il-biljett tieghu ghand

---
[1] €7 x €140 = €980 + €140 (l-ammont li intlaghab) = €1,120.
[2] €0.70c x €140 = €98 + €140 (l-ammont li intlaghab) = €238.

l-intimat. Il-biljett, ikompli jghid ir-rikorrenti, inxtara minn siehbu Gino Attard wara li huwa kien tah il-flus u dan peress li huwa kellhu x'jaghmel. L-ammont indikat fuq il-biljett ta' €1,120, liema ammont huwa indikat fejn il-kliem "*payout*", ir-rikorrenti baqa ma rceviehx minghand l-intimat u ghalhekk kellhu jaghmel din il-kawza.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk hu kienx jaf kemm kienu l-*odds* huwa qal li f'dan il-kaz partikolari ma kienx jaf meta kien baghat lil Gino Attard biex jixtri l-biljett minghand l-intimat. Qal ukoll li gieghli kien hemm okkazzjonijiet fejn ghal kull lira li tilghab tirbah erbgha euro (€4) u dan b'referenza ghaz-ziemel Nuage De Bougogne ghalkemm meta gie mistoqsi meta kienu dawn l-okkkazzjonijiet, ir-rikorrenti qal li "*bhalissa ma niftakarx*" (fol. 22). Mistoqsi jekk huwa qattx kellu xi kwistjonijiet ma' l-intimat huwa qal li qatt ma kellu kwistjonijiet mieghu hlief ghal dik odjerna.

3. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2013 **reggha xehed ir-rikorrenti.** Meta gie mistoqsi kif wasal ghas-somma ta' €1120, r-rikorrenti qal li dan l-ammont wasal ghalih billi ghal kull euro li laghab huwa kellhu jirbah €7. Huwa effettivament laghab €140 li multiplikat ghal seba' (7) darbiet jiġi l-ammont ta' €980. Jekk mad-€980 jiżdied l-ammont ta' mija u erbghin euro (€140) li huwa nefaq ghal dan il-biljett allura jiġi l-ammont ta' €1120 li hemm indikat fuq dan il-biljett. Ir-rikorrenti jghid li ""*dan huwa l-ammont li jien ghandi nithallas*" (fol. 27). Ir-rikorrenti jżid ighid li fuq dan il-biljett li hemm a fol. 2 tal-process hemm in-numru 210. Dan kien kitbu l-intimat. Ir-rikorrenti jkompli jghid li "*Huwa qalli li jiena ghal dan l-ammont biss kelli dritt u mhux ghal elf mija u ghoxrin ewro (€1120). Dan l-ammont ta' mitejn u ghaxar ewro (€210) inkiteb eżatti wara li spiċċat it-tigrija u x'hin jiena mort hdejh biex insarraf dan il-biljett*" (fol. 27).

4. **Ix-xhud Gino Attard**, xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2012. Huwa beda biex iddeskriva r-relazzjoni tieghu mal-partijiet kontendenti f'din il-kawza. Lir-rikorrenti jafu ghax gieli kien jiehu xi kafe fil-hanut fejn kien ikun ix-xhud. Lill-intimat jafu bhala *book maker*. Huwa qal ukoll li r-rikorrenti kien tah is-somma ta' mija u erbghin euro

(€140) biex imur jilghabhom mal-intimat fuq iz-ziemel bl-isem ta' Nuage De Bougogne. Zied ighid li hekk kif appena l-intimat tah il-biljett, huwa kien pront u mar itih lir-rikorrenti. Qal ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti ikun tah xi flus biex imur jilghabhomlu ma wiehed mis-sitt (6) *book makers* l-ohra li huma awtorizzati jiehdu l-loghob fil-Marsa. Mistoqsi jekk ir-rikorrenti kienx qallu sabiex imur ghan l-intimat biex jixtri l-biljett de quo, dan ix-xhud qal li "*Ir-rikorrenti lili ma qallix biex immur minghand l-intimat partikolarment biex nixtri dan il-biljett qbadt u mort ghand l-intimat jiena minn jeddi*" (fol. 24).

In kontro-ezami, x-xhud qal li l-intimat kien l-ahjar prezz li kien hemm. Fil-fatt ighid li qabel ma mar jixtri dan il-biljett minghand l-intimat huwa ra l-*odds* tal-*book makers* l-ohra u ra li l-*odds* ta' l-intimat kienu l-ahjar. Ix-xhud qal ukoll li l-*odds* tal-*book makers* l-ohra kienu inqas minn *seventy* is to *hundred* (70:100). Zied ighid li "*dan iz-ziemel huwa ziemel b'sahhtu u allura generalment jirbah it-tigrija ghalhekk wiehed jilghab mitt euro (€100) biex jirbah sebghin ewro (€70) u jiehu l-mija li jkun hareg lura wkoll*" (fol. 24). Mistoqsi jekk l-intimat kienx qallu li l-biljett li hariglu kien affett minn żball, ix-xhud qal li dan mhux minnu. Cahad ukoll li huwa telaq jiġri minn fuq il-post bil-biljett. Spjega li wara li spiċċat it-tigrija, huwa kien spiċċa quddiem ic-*Chairman* tal-*Marsa Racing Club*. F'din il-laqgha, r-rikorrenti insista ghar-rebh iżda l-intimat ma riedx itih dak ir-rebh skond il-biljett iżda ried jaghtih €70 ghal kull €100 li intalbu. Peress li ma ftehmux, il-laqgha spiċċat u kulhadd telaq il-barra.

5. L-intimat ressaq lil **Etienne Farrugia** biex jixhed fis-seduta tas- 7 ta' Frar, 2013. Huwa beda biex qal li lill-intimat jafu bhala *book maker* il-Marsa. Stqarr li lir-rikorrenti jafu ukoll ghax ġieli saq xi żwiemel hemmhekk. Dak-in-nhar li nxtara l-biljett inkwistjoni, jkompli jghid dan ix-xhud, "*jiena kont fejn l-intimat u niftakar li kien gie wiehed jismu Gino Attard jixri biljett minghand Patrick u cioe' l-intimat*" (fol. 32). Dakinhar, ikompli jghid Farrugia, "*iz-ziemel kien qieghed jintlaghab odds on jigifieri tilghab zewg ewro biex tirbah ewro. Iz-ziemel Nuage de Bougogne dejjem kien odds on ghax dan huwa ziemel*

*tajjeb. Jiena xi kultant gieli nilghab ukoll*” (fol. 32). Zied ighid ukoll li “*dakinhar tax-xiri tal-biljett minn naha ta’ Gino Attard ghandi nghid illi jiena kont vicin l-intimat u nisimghu ssejjah lill-Gino biex jghidlu illi kien hemm zball fuq il-biljett u li ried jirrangah fil-fatt Patrick u cioe’ l-intimat kien kiteb bil-biro fuq il-biljett li dan iz-ziemel kien qieghed bl-odds on, dan kollu nqala’ ftit wara li Gino Attard xtara l-biljett minghand l-intimat*” (fol. 32).

Mistoqsi in kontro-ezami x’inkiteb fuq il-biljett f’dak il-hin li x-xhud semma’ fid-deposizzjoni tieghu, huwa qal li huwa ma jafx x’inkiteb ezatt fuq il-biljett pero’ jaf illi inkiteb xi haga fis-sens li z-ziemel kien bl-*odds on*. Dak il-hin li Gino Attard gie msejjah mill-intimat kien hemm prezenti ukoll hu x-xhud u cioe Jonathan Farrugia.

6. L-intimat ressaq ukoll lil **Jonathan Farrugia** li xehed fl-istess seduta tas-7 ta’ Frar, 2013. Ix-xhud stqarr li f’ Marzu tal-elfejn u tnax (2012) kienet inqalghet kwistjoni dwar biljett li kien inbiegh ghar-rigward taz-ziemel Nuage De Bougogne. Qal li dan iz-ziemel dakinhar kien favorit li jirbah it-tigrija u fil-fatt kien *odds on*. Ix-xhud spjega li *odds on* tfisser li thallas izjed milli tirbah. Ix-xhud isemmi li Gino Attard kien xtara biljett b’dan iz-ziemel. Zied ighid li qabel ma telaq il-barra mill-kamra Gino Attard, l-intimat Patrick Cachia kien qallu illi kien hemm zball fil-biljett. Minkejja dan l-istess Gino Attard baqa’ hiereg il-barra. Qal ukoll li “*sahansitra konna morna jiena u hija sabiex infittxu lill-Gino halli nippruvaw insolvu din il-kwistjoni li kienet qamet. Wara t-tigrija naf illi Gino kien mar ghand l-intimat biex isarraf il-biljett bhal li kieku ma gara xejn u ma kien intqal xejn qabel. Meta Gino mar biex isarraf dan il-biljett jiena kont qieghed hemmhekk. L-istorja ta’ dan iz-ziemel dak iz-zmien tal-biljett dejjem kienet odds on jew inkella even money, dan peress illi kien ziemel tajjeb*” (fol. 34).

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx jaf b’xi zball simili ghal dan illi qieghed jghid li sehh l-intimat, ix-xhud qal li huwa personalment qatt ma kellu hekk pero’ jaf li dawn l-izbalji jigru. Kompla jghid li “*meta l-intimat hareg il-biljett lill-Gino kien hemm ir-rassa tan-nies dak il-hin. L-intimat smajtu jghid lill-Gino li kien ser jirrangalu l-biljett pero’*

*minkejja dan Gino qabad u hareg il-barra. Ahna dakinhar ukoll konna qeghdin nilghabu personalment u cioe' jiena u hija. Wara li marret ir-rassa tan-nies naqset ir-rassa tan-nies lill-Gino jiena mort infittxu minn jeddi ma kien hemm l-ebda ntervent da parti tal-intimat sabiex jiena mmur infittxu lill-Gino. Jiena ridt nevita l-problemi*" (fol. 34). Ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li "*jekk mhux sejjer zball dak il-hin li kienu qeghdin jitkellmu l-intimat kien ghamel xi notament diga fuq il-biljett* (fol. 34).

7. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2013 **xehed minn jeddu l-intimat Patrick Cachia**. Huwa beda biex qal li xogholu huwa ta' *book maker* u ilu ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin jaghmel dan ix-xoghol ġewwa l-Marsa. Ix-xhud qal li lir-rikorrenti jafu l-ghaliex hu u familtu ghandhom iz-zwiemel il-Marsa u li l-istess rikorrenti ġieli saq iz-zwiemel. B'referenza ghall-biljett li hemm esebit a fol. 2 tal-process, l-intimat qal li huwa kien bieghu lil Gino Attard u mhux lir-rikorrenti. L-intimat ikompli jghid li malli huwa hareg dan il-biljett, huwa nduna li kien sar żball u fil-fatt kien qallu sabiex jistennieh. Meta pprova jirranġa l-biljett bil-biro, l-imsemmi Gino Attard hadulu u qabad u telaq lill-hemm u dan peress li huwa kellu n-nies dak il-hin. Kompla jghid li z-ziemel Nuage De Bougogne huwa ziemel dejjem bl-*odds on* u dan peress illi huwa ziemel li jirbah zgur.

Kompla jghid li huwa jiftakar li Gino Attard dakinhar kien mar ghandu sabiex innaqqas xi ftit il-prezz u dan fis-sens illi jżid l-ammont tar-rebh illi jista jiehu iz-ziemel. Il-*book makers* l-ohra, jkompli jghid l-intimat, kellhom l-odds taghhom kienu *two* (2) to *one* (1) *on* u cioe' li tilghab żewġ euro (€2) biex tirbah euro (€1) jew inkella kellhom *five* (5) to *two* (2) *on* u cioe' taghmel hamsin euro (€50) biex tirbah ghoxrin euro (€20). F'dan il-kas, ighid l-intimat, huwa kien ghamel iz-ziemel Nuage De Bougogne bl-ahjar offerta li kien hemm il-Marsa dakinhar. Jghid li l-offerta tieghu kienet li jilghab mija u erbghin euro (€140) biex tirbah sebghin euro (€70). L-intimat ra l-biljetti li huwa esebixxa mal-kontro-talba tieghu, liema biljetti gew esebiti komplessivament bhala dokument 'A'[3] u qal li dawn huma

[3] Fol. 13, 14, 15 u 16;

l-biljetti ta’ xi nies li kienu lghabu mieghu dakinhar. Jkompli jghid li skond dawn il-biljetti kull euro (€1) li tintlab tirbah seventy cents (€0.70c). Ghalhekk, ighid l-intimat, fil-biljett li huwa kien ta’ lil Gino Attard kien hemm zball. Fil-fatt jishaq li “*l-biljett kellu johorgu bhala odds ta’ point seven u mhux seven point*” (fol. 39). L-intimat qal ukoll li l-*odds* apparti s-sistema tal-biljetti jkunu miktubin mal-*boards*. Zied ighid li “*l-book makers kollha ikollhom l-odds miktubin mal-boards. Apparti minn hekk il-club ghandu wkoll sistema ta’ tot jghidulu. Din hija sistema illi skont din is-sistema l-prezz ta’ Nuage de Bougogne kien ta’ point eight* (fol. 39). F’dan ir-rigward, l-intimat esebixxa riżultat uffiċjali mahrug mill-Malta Racing Club li qieghed jigi mmarkata bhala dokument PCX1. Fl-ewwel linja hemm miktub kemm halsu il-Malta Racing Club. L-intimat jispjega li “*l-ammont li hemm imdawwar go cirku u cioe’ ewro u tmenin centezmu (€1.80c) ifisser illi ghal kull ewro li tkun lghabt tiehu tmenin centezmu*” (fol. 39).

Meta kienet ser tibda t-tieni tigrija, u wara li z-ziemel Nuage De Bougogne kien rebah l-ewwel tiġrija, mar ir-rikorrenti fuqu u qallu li huwa ried il-flus li kien hemm miktubin fuq il-biljett u cioe €1120. Dak il-hin stess, l-intimat qallu li huwa diġà kien spjega lil Gino Attard li kien hemm zball fuq dan il-biljett u talab lir-rikorrenti sabiex imorru l-*Club*. Qallu li “*kemm ghandu direzzjoni l-club jiena ntihomlok pero’ r-rikorrenti ma ridtx. Jiena ma nafx ghalfejn ir-rikorrenti qieghed ikompli jinsisti li rrid dawn il-flus mieghi meta lil minn baghat jixtri dan il-biljett u cioe’ Gino kien jaf li dan il-biljett inhareg bi zball u meta tajtulu kont ghidtlu illi dan kien qieghed odds on* (fol. 39).

In kontro-ezami, l-intimat qal li mieghu, dak-in-nhar li huwa biegh il-biljett lil Gino Attard, kien hemm zewg jew tlett impjegati. Qal però li dan il-biljett huwa kien bieghu personalment lil Gino Attard. Zied ighid li huwa nduna bl-izball mal-ewwel u fil-fatt kien ghajjat lill-Gino Attard meta kien lahaq mexa ftit metri l-boghod minnu. L-imsemmi Attard reggha mar lura u skond l-intimat, huwa qallu li fuq dan il-biljett kien hemm żball. L-intimat ikompli jghid li huwa qal lill-Attard li kien ser jaghmel marka fuq l-istess biljett biex imbaghad ma jkunx hemm problemi wara u

anke minhabba l-fatt li kien hemm hafna nies li riedu jixtru l-biljetti. Wara li heles min-nies li kien hemm hdejh u li riedu jixtru l-biljetti minghandu, l-intimat qal li huwa kien baghat lill-impjegati tieghu sabiex iffitxu lill-Gino Attard biex jinfurmawh illi ma rridx kwistjonijiet wara. Fil-fatt stqarr li huwa ried johrog biljett iehor lill-imsemmi Gino Attard halli kollox ikun sew.

Meta gie mistoqsi l-ghala huwa ma harigx biljett iehor dak il-hin stess, l-intimat qal li "*bir-rassa tan-nies ma tkunx tista taghmel dawn l-affarijiet*" (fol. 39).

L-intimat jishaq li huwa kien u ghadu lest li jghaddi s-somma ta' €210 lir-rikorrenti iżda mhux lest li jghaddilu iżjed min hekk.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Jehtieg li l-ewwel u qabel kollox tiġi deċiża t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u cioe dik li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn ir-rikorrenti u dan peress li l-biljett de quo kien inxtara minn Gino Attard u mhux mir-rikorrenti. Mix-xhieda prodotta jirrizulta li dan Gino Attard xtara u akkwista dan il-biljett minghand l-intimat ghan-nom tar-rikorrenti u li kien l-istess rikorrenti li mar ghand l-intimat biex jiehu r-rikavat. Dan apparti li l-istess intimat jirrikonoxxi li l-biljett de quo jappartjeni biss lir-rikorrenti u dan stante li huwa indirizza ukoll kontro-talba kontrih. Ma jaghmilx sens li l-intimat jghid li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u imbaghad javvanza kontro-talba kontra l-istess rikorrenti fuq dak il-biljett. Ghalhekk din it-tieni eċċezzjoni tal-intimat qeghda tiġi michuda.

9. Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta minghajr dubju li meta nhareg il-biljett mill-intimat lil Gino Attard, dan kien affett minn żball u dan fis-sens li l-*odds* kellhom ikunu sebghin ċenteżmu ta' euro (€0.70c) ghal kull euro (€1) li tintlaghab. Dan il-hsieb tat-Tribunal huwa ukoll konfortat mill-*official result* tal-*Malta Racing Club*, li huwa esesbit a fol. 41 tal-process (dok. PCX 1). Skont dan ir-rizultat r-rebh kellhu jkun ta' 80c ghal

kull euro li jintlaghab. Dan it-Tribunal huwa ukoll moghni bis-setgha li jiddeċiedi bl-ekwita u fil-fehma tat-Tribunal, dan huwa proprju kaz car fejn ghandha tapplika din ir-regola. Jekk kellhu jregi l-argument tar-rikorrenti, jiġi li huwa jkun qieghed jibbenefika minn żball ta' l-intimat, haġa li l-ligi ma tridx. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)** jinghad li:

*"7 (1) It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita:*

*Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skond il-ligi".*

10. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Jannar, 2012 per Imhallef Dr. Raymond C. Pace inghad li:

"*Illi dan ifisser li l-principju tal-ekwita' huwa bazilari fid-decizjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista'jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur necessarjament lill-hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta*".

11. Imbaghad il-**paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Kap. 380** jistipula li gudikatur –

*(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;*

12. Kif inhu risaput, dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-

normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici fil-materja in dizamina[4].

13. Inghad ukoll, fil-kawza **Vella vs Micallef**, illi:

*"Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f'dan l-istadju jigi sottolinejat b'mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa' l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn, fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti".*

14. Ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ghandu jaqta u jiddeciedi "*kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita*" u "*ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta*" – huwa ghandu jhares ukoll id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali l-ghaliex inkella wiehed jista jasal biex fil-kazijiet quddiem it-Tribunal ma jkunx hemm certezza ta' dritt l-ghaliex kollox jkun jiddependi mill-valutazzjoni libera u elastika tal-gudikatur in kwistjoni.

15. B'referenza ghall-kontro-talba, jinghad li l-intimat permezz taghha talab li t-Tribunal jiddikjara li l-biljett mixtri mir-rikorrenti fl-10 ta' Marzu, 2012 kien ivvizzjat minn żball u li l-ammont dovut fuqu huwa ta' €238 u mhux ta' €1,120.

---

[4] Ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Paul Vella vs Chris Micallef;**

16. Kif diġà rajna, l-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrenti ġiet irtirata u dan skond ma jirrizulta mill-verbal datat 9 ta' Jannar, 2013. Ghalhekk, it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

17. Ghar-rigward tat-tieni eċċezzjoni, l-intimat jecepixxi l-inkompetenza rationae materiae tat-Tribunal.

**<u>X'inhi l-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal?</u>**

18. Nibdew billi naraw li **s-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** li jaqra hekk:

"(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

(3) (*a*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

(*b*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

(*ċ*) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06)."

19. Dan ifisser li **<u>bla hsara ghal dak li jghid is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380</u>**, dan it-Tribunal ghandu:

i. jisma' u jaqta' **<u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u>** ta' ammont ta' **<u>mhux iżjed</u>** minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), b'dan illi fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

20. Ghar-rigward tal-ammont ta' €3,494.06c imbaghad il-ligi tistipula fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380** li:

i. Meta jintalab il-hlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għall-istess raġuni</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

ii. Meta jintalab il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għal raġunijiet differenti</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

iii. Meta t-talba **<u>tkun għal kapitali u mgħaxijiet</u>**, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

21. U **s-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Kapitolu 380** jaqra hekk:

"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".

22. Minn qari ta' dan is-sub-artikolu tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal huwa pprojbit mil-Ligi mill-jiddeciedi:

i. Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli;

ii. pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli,

u dan minkejja li t-talba ma tkunx tiskorri €3,494.06; u

iii. kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli.

23. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu 5 ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, jew minn xi ligi ohra ta' liema xorta hi, u **basta** li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi t-€3,494.06c.

24. Issa f'dan il-kaz, l-intimat qieghed jitlob dikjarazzjoni minghand it-Tribunal li l-biljett li kien xtara ir-rikorrenti minghandu kien "*ivvizzjat minn żball*". Biex jaghmel hekk, it-Tribunal bil-fors ser jkollu johrog mill-parametri li l-Ligi taghtu biex jiddeċiedi l-ghaliex irid jidhol u jinterpreta l-volonta tal-partijiet u x'kien il-ftehim meta gie konkjuz in-negozju ta' bejniethom. Dan żgur li jisboq il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Ghar-rigward ta' l-ammont li l-intimat jghid li ghandu jaghti lir-rikorrenti u cioe l-ammont ta' €238 u mhux €1,120 dan jaqa fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Pero kif diġà rajna, hija l-fehma tat-Tribunal li huwa ma ghandux il-gurisdizzjoni mehtiega biex jiddeċiedi l-ewwel parti tal-kontro-talba u konsegwentement sejjer jilqa t-tieni eċċezzjoni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

GHALDAQSTANT dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeċiedi t-talba prinċipali billi filwaqt li jichad it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u dan ghar-rigward ta' meta huwa jghid li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti,

qieghed jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet tal-intimat fejn dawn huma b’xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u qieghed jilqa anke bl-applikazzjoni ta’ l-ekwita t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ mitejn tmienja u tletin euro (€238). L-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

<u>Ghar-rigward tal-kontro-talba</u>, t-Tribunal qieghed jilqa t-tieni eċċezzjoni tar-rikorrenti u jiddikjara lilu nnifsu bhala li ma ghandux ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dan il-kaz u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

L-ispejjez ghar-rigward tat-talba prinċipali ghandhom jiġu sopportati b’mod ugwali bejn il-partijiet mentri dawk ghar-rigward tal-kontro-talba ghandhom jiġu sopportati fl-intier taghhom mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------